MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 84/2008

Joseph Sciberras u b'nota prezentata fid-19 ta' Novembru 2008 l-avukat Dr Georgine Grech iddikjarat li qeghda tidher bhala mandatarja ta' l-attur assenti

Vs

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Il-Qorti;

Permezz ta' din il-kawza[1] l-attur qieghed jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu in kwantu jsostni li fl-att tat-twelid tieghu hemm zbalji fis-sens li kunjom missieru hu "Sciberras" u mhux "Xiberras" kif dikjarat fl-istess att. Ghalhekk l-attur talab korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu fis-sens li fil-parti relattiva ghal "Taghrif dwar missier it-

[1] Prezentat fil-5 ta' Awwissu 2008.

tarbija” u “Taghrif dwar missier l-omm”, fil-kolonna ntestata “isem u kunjom”, sija fir-rigward tal-missier u wkoll fir-rigward ta’ l-omm; kif ukoll fil-kolonna ntestata “Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet”, fir-rigward tal-missier, il-kunjom “Xiberras” huwa skorrett u ghandu jigi “Sciberras”.

Il-konvenut wiegeb permezz ta’ risposta guramentata prezentata fit-18 ta’ Settembru 2008 (fol. 23) fejn isostni li:

1. Ghalkemm it-talba hi sabiex isiru korrezzjonijiet fuq l-att tat-twelid, it-talba hi biex jigu korretti l-kunjomijiet tal-genituri tal-attur, u mhux il-kunjom ta’ l-attur innifsu. Taht il-kolonna isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, jidher biss l-isem Joseph.

2. L-attur ma gab l-ebda prova dokumentarja li missieru kien Sciberras u mhux Xiberras.

3. Ukoll jekk wiehed jara l-passaport Malti tal-attur, kunjomu hu ndikat bhala Xiberras u mhux Sciberras. Il-fatt li kunjomu hu ndikat bhala Xiberras u mhux Sciberras. Il-fatt li l-kunjom hu ndikat bhala Sciberras fuq dokumenti Awstraljani ma ghandux iwassal ghal korrezzjoni fil-kunjom tal-genituri tal-atturi fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:-

1. Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid fis-sens li fil-kolonna relattiva fejn jidher il-kunjom “Xiberras” dan jigi sostitwit bil-kunjom “Sciberras”. L-attur xehed li l-kunjom hu Sciberras; *“Nghid li jiena sa minn dejjem kont maghruf li ghandi l-kunjom tieghi Sciberras. Dana jirrizulta minn diversi dokumenti ufficjali.....”* (fol. 18). Fil-passaport Malti tal-attur kunjomu hu ndikat bhala Xiberras ghalkemm jinghad ukoll

*“Bearer’s name also spelt Joseph Sciberras.”*. Min-naha l-ohra fil-passaport Awstraljan kunjom l-attur hu “Sciberras” (fol. 10). L-istess fil-licenzja tas-sewqan (fol. 11). Minn qari tar-rikors guramentat hu evidenti li l-attur qieghed isostni li l-kunjom tal-genituri tieghu kien “Sciberras” u mhux “Xiberras” kif jidher fl-att tat-twelid. M’hemmx dubju li l-att tat-twelid ta’ persuna ma jatix kunjom dik il-persuna izda l-kunjom ta’ missier u ta’ omm dik il-persuna. Imbaghad bl-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili:

> (3) Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jiżdiedu, skond l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha.

Permezz ta’ nota prezentata fid-19 ta’ Novembru 2008, l-atturipprezenta erbgha (4) dokumenti fejn kunjom missieru hu mnizzel bhala “Sciberras”. Madankollu hemm qbil li fic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-attur[2], il-kunjom hu “Xiberras”. Fl-att tat-twelid ghandu jitnizzel kunjom il-missier u ta’ l-omm (Artikolu 278 tal-Kodici Civili). Fl-att in kwistjoni l-kunjom hu “Xiberras”. Jitnizzel ukoll kunjom missier il-genituri tal-partijiet. F’dan il-kaz in-nannu patern ta’ l-attur kien John Xiberras[3]. Hu evidenti li l-att tat-twelid ta’ l-attur qieghed jirrifletti l-kunjom tal-familja tieghu, “Xiberras”, u dak kien il-kunjom tal-genituri ta’ l-attur fiz-zmien li saret ir-registrazzjoni. Ghalhekk ma jirrizultax li sar xi zball fil-mument li saret ir-registrazzjoni. Il-fatt li kunjom missier l-attur jidher bhala “Sciberras” f’erbgha dokumenti li pprezenta l-attur[4], m’huwiex xi prova li sar zball. Jekk issir il-korrezzjoni li qieghed jitlob l-attur, m’hijiex ser tirrifletti l-partikolaritajiet li hemm fl-att tat-twelid ta’ missieru. Dan m’huwiex xi kaz fejn qeghda tintalab korrezzjoni f’isem, fejn l-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili jipprovdi:-

---

[2] Kien jismu Michael Angelus.

[3] Ara l-att tat-twelid a fol. 5.

[4] Ittra mibghuta mit-Tezor datata 29/4/1954; Rendikont mibghut mill-Koperattiva Ghawdxija tal-Halib u Biedja datat 8 ta’ Novembru 1977; Envelope mibghut fit-30 ta’ Dicembru 1976 mis-Segretarjat ghal Ghawdex; u Notament dwar Emolumenti u Tnaqqis ta’ taxxa datat 31 ta’ Dicembru 1975.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni ta' l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa.

F'dan il-kuntest ma nsibu l-ebda provvediment simili fil-kaz ta' kunjom[5]. Fir-rikors guramentat l-attur isostni li dak li qieghed jilmenta minnu huma "zbalji" fl-att tat-twelid tieghu u qieghed jitlob li kunjom il-genituri tieghu jinbidel ghal "Sciberras" meta dan il-kunjom m'huwiex rifless fl-att tat-twelid ta' missier l-attur; ***"Jien pprezentajt din il-kawza peress li nixtieq li jigu korretti diversi zbalji li hemm fl-Att tat-Twelid tieghi. Di fatti, fl-att tat-twelid tieghi, kunjom missieri u ommi huwa mnizzel bhala 'Xiberras' mentri fir-realta', il-kunjom ghandu jkun 'Sciberras'."*** (fol. 18). Pero' fir-realta' l-kaz odjern ma jittrattax dwar zball fl-att tat-twelid ta' l-attur, ghaliex kunjom missieru hu "Xiberras". Kieku kien kaz ta' zball seta' japplika l-Artikolu 253(1) tal-Kodici Civili[6]. Fl-affidavit l-attur xehed li *"....**dejjem kont maghruf** li ghandi l-kunjom tieghi Sciberras."* (fol. 18). Ghalhekk dan hu kaz fejn persuna trid li tibdel il-kunjom tal-genituri taghha kif muri fl-att tat-twelid ghaliex issostni li hi dejjem kienet maghrufa bhala "Sciberras". Il-qorti m'ghandix dubju li l-kunjom tal-familja ta' l-attur (min-naha ta' missieru) hu "Xiberras", tant hu hekk li fl-istess att tat-twelid kunjom in-nannu patern hu dikjarat "Xiberras". Mill-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili ma jidhirx li kien il-hsieb tal-legislatur li jaghti l-opportunita' li ssir korrezzjoni f'kunjom ghar-raguni li matul is-snin il-persuna li titlob il-korrezzjoni (fil-kaz taghna l-attur) tkun uzat kunjom tal-familja differenti minn dak li jidher fl-att tat-twelid taghha. L-iktar li waslu biex

---

[5] Li dan il-provvediment qieghed jirreferi ghall-isem (first name) u mhux ghall-kunjom, hu stabbilit ukoll mill-gurisprudenza. Ezempju **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003. F'din l-istess kawza l-qorti osservat li *"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet."*.

[6] *"Kull persuna tista' taghmel talba gudizzjarja **ghall-korrezzjonijiet jew thassir ta' registrazzjoni**, jew ghar-registrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens ta' wiehed mill-Vizitaturi ta' l-atti nutarili, ikun irrifjuta li jircievi."*.

ghamlu l-qrati hu li jordnaw annotazzjoni fl-att tat-twelid (ara per ezempju sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **John Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza fit-2 ta' Marzu 1994 fejn il-kunjom fl-att tat-twelid kien Zammit izda mill-provi rrizulta li l-attur kien maghruf bil-kunjom Zammit Pace[7]). F'din il-kawza m'huwiex jintalab li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid ta' l-attur izda li ssir korrezzjoni fis-sens li l-kunjom "Xiberras" jigi mhassar u sostitwit bil-kunjom "Sciberras". Certament li kieku kellha ssir korrezzjoni jkun ifisser li l-genituri ta' l-attur (fl-att tat-twelid ta' l-attur) jigu ndikati bil-kunjom "Sciberras" meta fir-realta' l-kunjom hu "Xiberras". Korrezzjoni li jekk issir m'hijiex ser tkun riflessa fl-att tat-twelid ta' missier l-attur u dak ta' nannuh "John Xiberras". Fatt li jista' jaghti lok ghal konfuzjoni li l-ligi ma tridx.

Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[7] Fil-kawza **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, il-Qorti ta' l-Appell osservat li jekk l-annotazzjoni hi permessa mill-gurisprudenza ghandha ssir **"biss f'kazijiet eccezzjonalissimi"**.